MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 105/2004

Kawza fil-lista: 32

**B Y, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri R**
**vs**
**Q Y**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fid-19 ta' Ottubru, tas-sena 1991 u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel wiehed bl-isem R li twieled fid-9 ta' Frar, 1993;

Peress li l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibli, u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba

quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li b’ digriet tad-19 ta’ Dicembru 2003 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni;

Peress li dawn ir-ragunijiet huma eccessi, sevizzi, ingurji gravi u inkompatibilita’ ta’ karattru imputabbli lill-konvenut oltre li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri R tigi fdata f’ idejn l-attrici fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri;

3. Tordna li l-attrici tinghata d-dritt li tibqa tghix fid-dar konjugali numru 12, Kevetti Street, Marsascala flimkien ma’ binha minuri u dan ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha;

4. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u ghall-minuri u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta b’ dan illi tordna illi kull ammont hekk dovut ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut minn zmien ghal zmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni, u taqsamha f’ zewg porzjonijiet u tassenjahom skont kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

6. Tikkomina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti tal-artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

7. Tikkundanna l-konvenut li jirritorna lill-attrici l-oggetti dotali taghha jew li jhallas il-valur taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghal-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijix opposta b' dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

2. Illi t-tieni talba mhijix opposta b' dan illi l-konvenut jinghata access adegwat ghat-tifel minuri fi granet u hinijiet ordnati minn dina l-Qorti;

3. Illi t-tielet talba attrici hija opposta;

4. Illi r-raba' talba attrici ghal hlas ta' manteniment tat-tifel minuri m' hijix opposta izda hija opposta fil-konfront tal-attrici peress illi hija kapaci tahdem u tmantni lilha innifisha;

5. Illi t-talba tal-attrici illi l-manteniment stabbilit jigi mnaqqas direttament mill-paga tieghu hija opposta b' dana illi huwa dejjem osserva id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u dejjem hallas puntwalment;

6. Illi l-hames talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti m'hijix opposta b' dan pero' illi ghandu jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-attrici, u b'riserva fis-sens illi l-konvenut ma huwiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid partikolari tal-attrici, b' riserva ulterjuri illi f' kaz illi l-attur jigi eventwalment dikjarat li ddekada mid-dritt tieghu fl-akkwisti maghmula principalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk akkwistati wara d-data illi fiha l-attur jigi misjub li kien hati tal-firda.

7. Illi s-sitt talba hija opposta stante l-fatt illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk m' hemmx lok ghall-applikazzjoni

tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attur u di piu' l-attur ddekada minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni.

Rat il-kontro-talba prezentata milli konvenut rikonvenzjonanti, u li tinsab inserita fil-process a fols.94 sa 97 u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process a fols.99 sa 101, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti;

Rat ir-rapport tal-perti legali, l-Avukatessa Dottoressa Anna Mallia;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni u l-Kontro-Talba**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tirrponunzja s-separazzjoni personali bejniethom, bi htija reciproka;  u, filwaqt li l-attrici qed tattribwixxi l-htija lill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, l-konvenut jattribwixxi l-htija tal-firda lill-attrici fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 ta' l-istess Kap.

[1] Vol.3 – fol.620 *et seq.*

Il-partijiet qed jitolbu wkoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi in sostanza l-attrici tatribwixxi l-htija tal-firda lill-konvenut fuq l-ilment li matul il-konvivenza matrimonjali dan kien xhih maghha u kien ihalliha nieqsa mill-flus, tant li kien ikollha ddur fuq membri tal-familja taghha sabiex tkopri l-bzonnijiet ta’ kuljum. Tghid ukoll li l-konvenut ma kienx jaghti kaz tal-familja tieghu, u kien ihallihom fil-bzonn.

Hija tichad li kellha jew ghandha relazzjoni extra-matrimonjali ma’ Charles Paris, kif allegat mill-konvenut, liema cahda ssib sostenn fix-xhieda tal-istess Charles Paris.

Min-naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad li hu kien ihalli lill-attrici fil-bzonn, jghid li kien jahdem hafna peress li kellhom hafna spejjez fid-dar matrimonjali fejn saru hafna xogholijiet. Huwa jghid li lil martu kien jghatiha bizzejjed flus biex tkopri l-ispejjez tal-familja. Il-konvenut isostni li r-raguni tat-tifrik taz-zwieg kienet il-hbiberija zejda li l-attrici kellha ma’ Charles Paris, u l-fatt li, nonostante li l-konvenut kien jilmenta maghha dwar dan, hija xorta wahda njoratu u baqghet ghaddejja b’ din il-hbiberija.

Illi dwar il-htija tal-firda, il-Qorti taqbel mal-perit legali li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u li l-htija primarja kienet il-hbiberija specjali li l-attrici zammet mal-imsemmi Charles Paris, akkompanjat mal-fatt li hi baqghet tissokta b’ din il-hbiberija nonostante l-oggezzjoni da parti tal-konvenut, zewgha. Hija baqghet tippersisti f’ din il-hbiberija. Din kienet il-kawza primarja ghaliex ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet iddeterjorat, tant li wasslu ghall-proceduri odjerni. Dan il-komportament tal-attrici jikkostitwixxi ‘ingurja gravi’ fil-konfront ta’ zewgha, kif ukoll ‘sevizzi’ stante li ezercitat fuq bazi kwazi kwotidjana rrenda l-konvivenza nsapportabbli ghall-konvenut.

Min-naha l-ohra pero' il-Qorti taghti affidament lill-verzjoni attrici, li l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus, tant li din kien ikollha ddur fuq il-familjari taghha, senjatament ommha, sabiex tkopri mal-ispejjez; u dan meta l-konvenut kien jaghmel xoghol kemm full-time kif ukoll part-time. Dan il-komportament tal-konvenut, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, kien ikkontribwixxa ghad-deterjorazzjoni tar-relazzjoni matrimonjal bejn il-partijiet.

Il-Qorti tosserva in propozitu li, ghalkemm huwa minnu li l-konvenut kien jahdem hafna, anke fid-dar matrimonjali, minhabba l-loan fuq l-istess dar, u l-ispejjez li kellhom minnhabba x-xogholijiet li kienu jsiru fiha, jibqa' san il-principju li l-prijorita' kellha tkun il-benessere tal-familja, u ghalhekk il-konvenut ma kienx gustifikat li jhalli lil martu nieqsa mill-flus necessarji biex tkopri l-bzonnijiet ta' kuljum.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li mill-provi jirrizulta provat li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment, u dan bi htija primarja tal-attrici fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, u bi htija sekondarja tal-konvenut fit-termini ta' l-istess artikolu tal-ligi. Il-komportament taz-zewg partijiet ghandu jattira d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48[1] tal-istess Kap.

**Kura u Kustodja**

Illi llum il-minuri, li twieled fid-9 ta' Frar 1993, huwa maggjorenni, u ghalhekk dan il-kap jinsab sorvolat.

**Manteniment**

Illi dan il-kap jinsab sorvolat kemm in vista tad-dekadenza li ser tigi applikata fil-konfront taz-zewg partijiet; kif ukoll tal-fatt li llum il-minuri huwa maggjorenni

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

*Id-dar matrimonjali* – stmata mill-perit tekniku fl-ammont ta' LM90,000 [illum €209,644].

Il-Qorti taqbel mal-perit legali li dan il-fond ghandu jitqies bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, nonostante li fuq il-kuntratt deher bhala kompratur il-konvenut biss.

Mill-provi jirrizulta li permezz ta' kuntratt[2] ippubblikat fl-20 ta' Ottubru 1987, il-konvenut kien xtara l-imsemmi fond [terran] minghand zijuh, bil-prezz ta' LM7,400 [illum €17,237], u dan billi ssellef minghand il-Lohombus Corporation l-ammont ta' LM6,000 [illum €13,976] li kien isussidjat mill-Awtorita' tad-Djar skond l-Avviz tal-Gvern numru 12/1287.

Illi dan l-Avviz, li jikkontempla skema ta' sussidju fuq l-imghaxijiet tas-self fuq id-djar, maghmul matul is-sena 1987, kien applikabbli ghal koppji gharajjes jew mizzewwgin.

Ghalhekk mill-premess jirrizulta li, ghalkemm fuq il-kuntratt deher biss il-konvenut, huwa seta'jakkwista dan il-post permezz self sostanzjali sussidjat taht skema applikabbli ghall-gharajjes; u ghalhekk hija lecita l-konkluzjoni li meta huwa akkwista dan il-fond huwa kien qed jaghmel dan, kemm f'ismu personali, kif ukoll ghan-nom tal-attrici, allura gharusa tieghu.

Din il-konkluzjoni ssib konfort ukoll f'dak li stqarr il-konvenut fid-depozizzjoni tieghu, u cioe' li mal-konvenju l-attrici harget nofs id-depozitu ta' LM700 [illum €1,631]; u wkoll in-nuqqas tieghu li jaghti spjegazzjoni ghaliex l-attrici, li ma tafx taqra u tikteb, ma ffirmatx il-konvenju. Dwar dan jghid: "Ghall-konvenju l-mara kienet giet mieghi. Mistoqsi ghax il-mara ma ffirmatx il-konvenju, imwiegeb 'hi taf'. In-nutar staqsiena min ser jiffirma u jiena kelli l-flus f' idi u ghidtlu jien."[3] Il-Qorti tosserva li, li kieku verament il-konvenut f' mohhu kellu li kien qed jakkwista l-fond f' ismu biss, huwa ragjnevolment mistenni li kien jghid dan bla tlaqliq. Barra minnhekk il-fatt li l-attrici kienet harget nofs[4] il-flus tad-depozitu fuq il-konvenut,

[2] Vol.1 – fol.127 et seq.
[3] Vol.2 – fol.227
[4] Vol. 1 – fol.131

jimmilta kontra t-tezi tal-konvenut li hu kien qed jakkwista l-fond ghalih biss.

*Krediti Parafernali versu l-komunjoni*
Illi kif jirrizulta mir-rapport tal-perit tekniku, sad-data taz-zwieg, kien sar xoghol mill-konvenut fl-ammont ta' LM14,000 [€32,611][5]. Inoltre l-konvenut ghandu kreditu ta' LM700 [illum €1,631] sehemu mid-depozitu mhallas mal-konvenju; kif ukoll l-ammont li jirrapprezenta l-pagamenti kollha tal-loan li saru minnu mid-data ta' l-akkwist tal-fond [20.10.1987], sad-data taz-zwieg [19.10.1991];

Rigward l-attrici, jirrizulta li din ghandha kreditu parafernali ta' LM700 [illum €1,631] sehemha mill-imsemmi depozitu.

Ferm il-premess, il-Qorti tordna li l-imsemmi fond jinbigh fi zmien sena fuq is-suq hieles ghall-prezz mhux inferjuri ghall-ammont ta' LM90,000 [€209,644]; u fin-nuqqas, jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti; u r-rikavat, wara li jitnaqqsu minnu, il-bilanc tad-dejn gravanti l-fond u l-krediti parafernali tal-partijiet, kif ukoll id-dejn pendenti dwar l-utilitajiet tad-dar [dawl u ilma, u telephone] jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-Qorti qed taghti lill-konvenut id-dritt li jaghzel jekk iridx jixtri sehem il-mara l-ewwel, wara li jitnaqqsu d-djun, u l-krediti parafernali fuq indikati.

*Vetturi*
Illi rigward il-vetturi ndikati mill-perit legali fir-rapport taghha, senjatament il-karrozza Toyota Corolla MIG 294, il-Qorti tordna li l-attrici tassenja sehemha minn din il-vettura lill-konvenut li min-naha tieghu ghandu jhallas lill-attrici nofs il-valur taghha illum; u fil-kaz li l-partijiet ma jaqblux mal-valur ta' din il-vettura, il-Qorti qed tinnomina lil Joseph Zammit bhala espert tekniku, sabiex, ghas-spejjez taz-zewg partijiet, jaghmel stima ta' l-istess.

[5] U mhux LM18,300, kif sottomess mill-perit legali, stante li l-ammont ta' LM4,300 jirrapprezenta xoghol li sar wara z-zwieg.

*Mobbli – komunjoni - parafernali*
Il-Qorti taddotta fl-intier taghha l-qasma kif proposta mill-perit legali, u li tinsab fil-pagni numri 17 sa 18 tar-rapport u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex taghmel parti ntegrali mill-istess [Appendici C][6], u tordna li l-mobbli jigu assenjati kif hemm indikat.

*Kontijiet Bankarji*
Il-Qorti tordna li kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji li ghandha f' isimha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-attrici u htija sekondarja tal-konvenut;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tifel llum huma maggjorenni;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad l-ewwel parti tar-raba' talba, stante d-dekadenza da parti tal-attrici, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni parti, stante li t-tiflel illum mhuwa maggjorenni;
[5] tilqa' il-hames talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[6] tilqa' s-sitt talba;
[7] tilqa' s-seba' talba kif indikat fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens gja' fuq deciz;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' talba;
[5] tilqa' il-hames talba,fis-sens gja' fuq deciz;
[6] tilqa' is-sitt talba;

---
[6] Vol.3 – fols.636 sa 637

[7] tichad is-seba' talba;
[8] tilqa' t-tmien talba;

L-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet, in kwantu ghal terz [1/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti zewg terzi [2/3] jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------